Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-President

20.3.2025

Is-Sur Sven Simon
President
Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni) (2021/0372 (CNS) – COM(2021)0732 – C10-0001/2024 – LIBE/10/00399)

Sur Simon,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (il-Kumitat LIBE) ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tagħhom tas-6 ta' Marzu 2025, il-koordinaturi tal-Kumitat LIBE ddeċidew li jibagħtu l-opinjoni fil-forma ta' ittra skont l-Artikolu 57(1) tar-Regoli ta' Proċedura. Il-Kumitat LIBE eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu[1] tad-19 ta' Marzu u adotta l-opinjoni matul din l-istess laqgħa.

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Magdalena Adamowicz, Giuseppe Antoci, Konstantinos Arvanitis, Francisco Assis, Malik Azmani, Pernando Barrena Arza, Nikola Bartůšek, Hildegard Bentele, Ioan-Rareş Bogdan, Krzysztof Brejza, Sebastião Bugalho, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Damien Carême, David Casa, Susanna Ceccardi, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Alessandro Ciriani, Caterina Chinnici, Lena Düpont, Marieke Ehlers, Dick Erixon, Estrella Galán, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Branko Grims, Paolo Inselvini, Irena Joveva, Erik Kaliňák, Marina Kaljurand, Mariusz Kamiński, Fabienne Keller, Mary Khan, Moritz Körner, Fabrice Leggeri, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Michael McNamara, Ana Catarina Mendes, Verena Mertens, Javier Moreno Sánchez, Ana Miguel Pedro, Emil Radev, Karlo Ressler, Chloé Ridel, Sandro Ruotolo, Nacho Sánchez Amor, Birgit Sippel, Krzysztof Śmiszek, Petra Steger, Cecilia Strada, Alice Teodorescu Måwe, Georgiana Teodorescu, Pekka Toveri, Sebastian Tynkkynen, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Roberto Vannacci, Kristian Vigenin, Petar Volgin, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maciej Wąsik, Charlie Weimers, Sophie Wilmès, Isabel Wiseler-Lima, Lucia Yar, Alessandro Zan, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fil-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija hawn fuq fl-14 ta' Frar 2023 b'maġġoranza kbira tal-voti mitfugħa. Il-Kumitat LIBE, bħala l-kumitat li jintalab jagħti opinjoni, ħareġ l-opinjoni tiegħu għar-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (il-Kumitat AFCO), bħala l-kumitat responsabbli, fis-26 ta' Ottubru 2022, ukoll b'maġġoranza kbira tal-membri tiegħu. Fis-16 ta' Mejju 2024, il-Kunsill iddeċieda li jerġa' jikkonsulta lill-Parlament dwar it-test maqbul mill-Kunsill. Il-Kumitat LIBE ddeċieda li jappoġġja r-rakkomandazzjoni tar-rapporteur għal opinjoni li l-Kumitat LIBE jibgħat il-fehmiet tiegħu fil-forma ta' ittra mill-President li tinforma lill-Kumitat AFCO li jixtieq iżomm l-Opinjoni tal-Kumitat LIBE tas-26 ta' Ottubru 2022 (2021/0372(CNS)), adottata fil-proċedura ta' konsultazzjoni tal-aħħar mandat. Madankollu, huwa jieħu nota tat-test maqbul mill-Kunsill, filwaqt li jirrikonoxxi xi passi pożittivi meħuda fir-rigward tal-opinjoni tal-Kumitat LIBE.

Il-Kumitat LIBE, għalhekk, jistieden lill-Kumitat AFCO, bħala l-kumitat responsabbli, iqis il-fehmiet tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Javier Zarzalejos

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.